VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,925, 22 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 382 tal-2017

ATT DWAR L-UNJONIJIET ĊIVILI
(KAP. 530)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Konverżjoni ta' Unjoni Ċivili fi Żwieġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11(2) tal-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili, il-Prim Ministru, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolamenti tal-2017 dwar il-Konverżjoni ta' Unjoni Ċivili fi Żwieġ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2017.

Tifsir.

2. F' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili;

"konverżjoni" tfisser konverżjoni ta' unjoni ċivili fi żwieġ skont l-artikolu 11 tal-Att u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"Reġistratur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar iż-Żwieġ, u għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, tinkludi wkoll Rappreżentant Diplomatiku jew Konsulari għal Malta;

"unjoni ċivili" tfisser għal unjonijiet ċivili magħmula u rreġistrati skont l-Att.

Proċedura.

3. (1) Sħab f'unjoni ċivili li jixtiequ jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ għandhom jagħmlu appuntament mar-Reġistratur fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku Malta:

Iżda sħab f'unjoni ċivili li ma jkunux qiegħdin residenti f'Malta jistgħu jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ f'kwalunkwe Rappreżentanza Diplomatika jew Konsulari għal Malta.

(2) Dan li ġej huwa meħtieġ għal konverżjoni ta' unjoni ċivili fi żwieġ: -

(a) dikjarazzjoni maħlufa ta' konverżjoni iffirmata miż-żewġ partijiet quddiem ir-Reġistratur, skont ir-regolament 4;

(b) il-preżentazzjoni ta' dokumenti validi ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

identifikazzjoni;

(ċ) kopja legali tal-att tal-unjoni ċivili li ser jiġi konvertit;

(d) il-ħlas ta' drittijiet għal konverżjoni.

(3) Hekk kif ir-Reġistratur ikun sodisfatt li r-rekwiżiti kollha għall-konverżjoni ġew osservati, ir-Reġistratur għandu jagħmel annotazzjoni fuq l-att tal-unjoni ċivili li jindika li din l-unjoni ċivili tkun ġiet hekk legalment konvertita fi żwieġ.

(4) Ir-Reġistratur għandu imbagħad joħroġ att taż-żwieġ, liema att għandu jiġi datat bid-data li fiha l-unjoni ċivili ġiet fis-seħħ, u r-Reġistratur għandu jagħmel annotazzjoni fuq l-att taż-żwieġ li jindika li dan l-Att huwa r-riżultat ta' konverżjoni.

Dikjarazzjoni maħlufa sabiex jintalab li ssir il-konverżjoni.

4. (1) Għandu jkun hemm formola, intitolata 'Dikjarazzjoni Maħlufa ta' Konverżjoni minn Unjoni Ċivili għal Żwieġ', li għandha tkun il-formola użata għall-konverżjonijiet għal finijiet tal-artikolu 11 tal-Att u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għandha tkun fil-forma kif provdut fl-Iskeda annessa ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-dikjarazzjoni ta' konverżjoni minn Unjoni Ċivili għal Żwieġ għandha tiġi magħmula taħt ġurament, u iffirmata minn kull wieħed mill-partijiet fil-preżenza tar-Reġistratur, fejn jiddikjaraw li, l-informazzjoni kollha mogħtija għall-finijiet tal-konverżjoni hija veritiera.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SCHEDULE

SKEDA

Dikjarazzjoni Maħlufa ta' Konverżjoni minn Unjoni Ċivili għal Żwieġ skont Kap. 530 u leġiżlazzjoni sussidjarja

Sworn Declaration of Conversion of Civil Union into Marriage in terms of Cap. 530 and its subsidiary legislation

Aħna
We

Isem **u Kunjom**
Name…….... and Surname ……

Data tat-twelid **Post tat-twelid**
Date of birth ……Place of birth …….....

Dokument Validu ta' Identifikazzjoni
Valid Identification Document …….....

u

and

Isem **u Kunjom**
Name……. and Surname ……

Data tat-twelid **Post tat-twelid**
Date of birth ……Place of birth …….....

Dokument Validu ta' Identifikazzjoni
Valid Identification Document …….....

niddikjaraw bil-ġurament/solennement li aħna inaqgħadna f'unjoni ċivili nhar il-

do hereby declare on oath/solemnly affirm that we have contracted a civil union between us

..... fi ..... skont iċ-ċertifikat

on……..... *at……as per attached Civil*

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-Unjoni Ċivili hawn mehmuż, li jġib numru tal-applikazzjoni.....

Union Certificate, bearing application number.....and registration

u numru ta' reġistrazzjoni.....

number…….....

Qed jiġi ddikjarat li formalment qed nitolbu lir-Reġistratur sabiex jikkonverti l-unjoni ċivili

It is hereby being declared that we are formally requesting the Registrar to convert our civil union

tagħna għal żwieġ skont il-liġi, f'termini ta' Kap. 530 u ta' leġislazzjoni sussidjarja u li

into marriage according to law, in terms of Cap. 530 and subsidiary legislation and that there is

m'hemm xejn li jista' jimpedixxi din il-konverżjoni.

nothing which may impede such conversion.

.....	.....…….....…….....
Firma	**Isem (b'ittri kbar) u Karta tal-Identità**
Signature	*Name in blocks and ID number*
.....	.....…….....…….....
Firma	**Isem (b'ittri kbar) u Karta tal-Identità**
Signature	*Name in blocks and ID number*

…….....…….....……

Numru tat-telefon/imejl
Contact Number/ Email

VERŻJONI ELETTRONIKA

Maħlufa u ffirmata hawn quddiemi,
illum.....(data)

Sworn and signed in my presence today the.....(date)

.....

Firma u Timbru tal-Kummissjunarju għall-ġuramenti
Signature and Stamp of Commissioner for Oaths

<u>Għall-Użu tal-Uffiċċju</u>: Dritt imħallas tar-Reġistrazzjoni sar skont l-ircevuta.....

<u>For Office Use</u>: Payment of Registration Fees has been effected as per receipt no. .....

In terms of Article 108 of the Criminal Code whosoever shall make a false oath before a judge, magistrate or any other officer authorized by law to administer oaths, shall, on conviction, be liable:

(a) to imprisonment for a term from four months to one year, if the oath be required by law, or ordered by a judgment or decree of any court in Malta;

(b) to imprisonment for a term not exceeding three months, if the oath be not so required or ordered.

Skont l-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali**,** kull min jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;

(*b*) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.

In terms of Article 188(1) of the Criminal Code, whosoever, in order to gain any advantage or benefit for himself or others, shall, in any document intended for any public authority, knowingly make a false declaration or statement, or give false information, shall, on conviction, be liable to the punishment of imprisonment for a term not exceeding two years or to a fine (*multa*).

Skont l-artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali, kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa.